MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 405/2004

**Aronne Cacciattolo**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi c-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur, bin-numru ta' iskrizzjoni 475/1919, hawn anness u markat “Dok A”, fil-kolonna intestata, “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier”, kunjom il-missieri huwa indikat bhala "Cacciottolo";

Illi mic-Certifikat taz-Zwieg ta' l-attur, mahrug mill-Knisja tal-Gzira, Malta, hawn anness u markat ‘Dok C', jirrizulta illi kunjom l-attur huwa indikat bhala "Cacciottolo";

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ hu l-attur u cioe’ Gennaru, bin-numru ta’ iskrizzjoni 181/1945, hawn anness u markat ‘Dok D’, fil-kolonna intestata, “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier”, kunjom il-missier huwa indikat bhala "Cacciottolo";

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ hu l-attur u cioe’ Mark, bin-numru ta’ iskrizzjoni 4579/1950, hawn annessi u markat ‘Dok E’, fil-kolonna intestata, “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missieri”, kunjom il-missier huwa indikat bhala "Cacciottolo";

Illi jezisti zball fic-certifika tat-twelid tal-attur, bin-numru ta’ iskrizzjoni 7448/1946, hawn anness u markat ‘Dok F’ fis-sens illi fil-kolonna intestata: “Isem u kunjom u post tat-twelid tal-Missier”, kunjom il-missier huwa indikat bhala "Cacciattolo" meta fil-fatt ghandu jkun indikat bhala "Cacciottolo";

Illi jezisti wkoll zball fic-certifikat taz-zwieg ta’ l-attur, bin-numru ta’ iskrizzjoni 47/1974 hawn anness u markat ‘Dok G’, fis-sens illi fil-kolonna intestata: “Isem u kunjom ir-Ragel", kunjom ir-ragel huwa indikat bhala "Cacciattolo" minflok "Cacciottolo";

Illi l-attur minn dejjem u konsistentement kien fil-fatt maghruf minn kulhadd bil-kunjom "Cacciottolo" u mhux bil-kunjom "Cacciattolo" u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors tal-kawza;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:-

1. Tordna illi fic-certifikat tat-twelid ta’ l-attur, li ghandu in-numru ta’ iskrizzjoni 7448/1946, markat ‘Dok F’, fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier", il-kunjom tal-Missier jigi indikat bhala "Cacciottolo", minflok "Cacciattolo" u fil-kolonna intestata, "Isem u Kunjom l-Omm" jigi markat bhala "Cacciottolo" minflok "Cacciattolo";

2. Tordna illi fic-certifikat taz-zwieg ta' l-attur, li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 47/1974, markat 'Dok G', fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom ir-Ragel" il-kunjom tar-Ragel jigi ndikat bhala "Cacciottolo" minflok "Cacciattolo", u fil-kolonna intestata isem u kunjom ta' missirijiet u ommijiet l-gharajjes, il-kunjom ta' missieri l-gharus jigi indikat "Cacciottolo" minflok "Cacciattolo";

3. Tawtorizza li l-bdil effettiv kif fuq mitlub jigi rifless f'kull att ta' stat civili iehor ta' l-istess attur;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit : -

1. Illi l-esponenti jaderixxi ruhu mat-talbiet attrici stante illi fl-Atti tat-Twelid ta' missier l-attur u cioe' *Carmelo* li jgib in-numru progressiv 475 tas-sena 1919 fil-kolonna li taghti taghrif dwar l-isem u l-kunjom tal-missieri hemm indikat *'Giuseppe Cacciottolo'*;

2. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba tieghu l-attur ghandu jitlob ukoll illi fl-Att tat-Twelid in kwistjoni, fil-kolonna intestata *isem u kunjom ta' l-omm*, il-kunjom ta' l-omm jigi ndikat bhala *'Cacciottolo'*, minflok *'Cacciattolo*';

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba tieghu l-attur ghandu jitlob ukoll illi fl-Att taz-Zwieg in kwistjoni, fil-kolonna intestata *isem u kujom ta' missirijiet u ommijiet l-gharajjes*, il-kunjom ta' missier l-gharus jigi indikat bhala *'Cacciottolo'* minflok *'Cacciattolo'*;.

4. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid u fl-Att taz-Zwieg ta' l-attur mhuwiex attribwibbli ghal xi

nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xheda tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2004 li permezz tieghu giet ordnata zieda fit-talbiet attrici;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Lulju 2004;

Ikkonsidrat :

Bl-imsemmi digriet tal-1 ta' Lulju 2004 gew mizjuda xi talbiet u dana, ukoll, in vista tal-kontenut tan-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut. Il-konvenut iddikjara li huwa jaderixxi mat-talbiet attrici u dana in vista tal-fatt li l-Att tat-Twelid ta' missier l-attur, liema att igib in-numru progressiv 475 tas-sena 1919, kunjom tal-missier hu indikat bhala "Cacciottolo";

In vista ta dan kollu t-talbiet attrici kif mizjuda ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif mizjuda u b'hekk tordna li fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur, li ghandu in-numru ta' iskrizzjoni 7448/1946, fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier", il-kunjom tal-Missier jigi indikat bhala "Cacciottolo", minflok "Cacciattolo" u fil-kolonna intestata, "Isem u Kunjom l-Omm", il-kunjom tal-omm ukoll jigi indikat bhala "Cacciottolo"; tordna illi fic-certifikat taz-zwieg ta' l-attur, li ghandu n-numru ta' iskrizzjoni 47/1974, fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom ir-Ragel" il-kunjom tar-Ragel jigi ndikat bhala "Cacciottolo" minflok "Cacciattolo", u fil-kolonna intestata isem u kunjom ta' missirijiet u ommijiet l-gharajjes, il-kunjom ta' missieri l-gharus jigi indikat "Cacciottolo" minflok "Cacciattolo" u tawtorizza li dawn il-

korrezzjonjiet jigu riflessi f'kull att ta' stat civili iehor ta' l-istess attur. Tordna li ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, fosthom li t-tibdil rikjest zgur li mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut, l-ispejjez kolha jithallsu mill-attur.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------